# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 2267/98 M1 NA**

**Josephine El Kafas**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja b'digriet tal-1 ta' Gunju 1999 gew nominati kuraturi deputti biex jirrapprezentaw lill-assenti Salah El-Din Abdou Ibrahim El Kafas**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-4 ta' Novembru 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta' Gunju 1993 (Dokument "A");

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut;

Illi miz-zwieg twieldet tifla, ossia Dianne li ghadha minuri, kif jirrizulta mill-anness Dokument "B";

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond'Awla tas-27 ta' Ottubru 1998, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dokument "C", biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

TALBET li din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija lill-attrici;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 1999 fejn il-kawza inghatat preferenza fuq kawzi ohra u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess digriet u wara rikors ta' l-istess attrici.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami w il-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-assenti b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta' Gunju 1999.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati tal-10 ta' Awissu 1999 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri fil-meritu.

Effettivament kif jirrizulta mill-korrispondenza a fol. 38 u 39 tal-process l-istess kuraturi ppruvaw, minghajr success, jikkomunikaw ma' l-assenti.

Sa dan it-tant fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1999 il-Qorti kienet innominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Mariella Gonzi biex tigbor il-provi. Hija ffissat diversi seduti li pero' ma sar xejn utili fihom hlief li f'wahda minnhom id-difensur ta' l-attrici ddikjara li kien ipprezenta Affidavit ta' l-istess attrici li effetivament gie pprezentat b'nota tat-23 ta' Frar 2000. Mill-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000 jirrizulta li kien hemm seduta ffissata quddiem l-Assistenta Gudizzjarja ghall-21 ta' Frar 2001. Minkejja illi ma hemmx verbal ta' din is-seduta fl-atti processwali l-Qorti giet infurmata mill-istess Assistenta Gudizzjarja li l-provi kienu maghluqa u dan peress illi l-kuratur deputat ma kellux provi xi jressaq filwaqt illi l-attrici kienet iddikjarat li ma kellhiex aktar provi sew quddiem l-Assistenta Gudizzjarja sew quddiem il-Qorti fl-

istess seduta tal-4 ta' Dicembru 2000.  F'dawn ic-cirkostanzi l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawza huma skarsi u jikkonsisti biss fl-Affidavit ta' l-attrici.  Minn din ix-xhieda mhux kontradeta l-Qorti tista' tasal biss biex tilqa' whud mit-talbiet attrici peress illi hija tal-fehma illi l-falliment ta' dan iz-zwieg gara unikament kagun ta' l-ingurji gravi tal-konvenut fir-rigward ta' l-attrici li giet ukoll effettivament abbandunata minnu meta kienet hames xhur tqila bit-tarbija fl-1995;  "*Minn dak in-nhar 'l hawn ma regax gie d-dar*" minkejja illi tghid illi ta' darba kull tant kien jinvistaha u dan sa sentejn qabel ma ghamlet l-Affidavit mil-liema zmien ilha ma tarah u "*ma nafx x'sar minnu*".  Jezistu ghalhekk ragunijiet ghall-firda personali a bazi ta' l-Artikoli 40 u 41 tal-Kodici Civili.  Dan apparti, pero', jirrizulta illi l-konvenut kwazi ma hadem qatt:  "*huwa hadem biss ghal madwar seba' xhur*" u dwar l-assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma ngabet ebda prova, ghall-kuntrarju, jidher illi dawn huma inezistenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri msemmija fic-citazzjoni lill-attrici;

3. tastieni f'dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, fil-waqt li tiddikjara illi ma hemmx lok ghal-likwidazzjoni u qsim ta' l-istess komunjoni ghar-ragunijiet fuq moghtija.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.